MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2015

Appell Kriminali Numru. 313/2014

Appell Nru: 313/2014

Il-Pulizija

[Spettur Joseph Busuttil]

Vs

James Paul Munden

Illum, 26 ta' Marzu, 2015,

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra James Paul Munden detentur tal-Karta tal-Identita' bin-numru: 62419A, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fit-8 ta' April, 2014 ghall-habta tal-22:00hrs waqt li kien gewwa l-istabbiliment bl-isem ta' Hannah's Bar, Triq il-Maskli, San Pawl il-Bahar:

1) Bl-imgieba tieghu ikkaguna lil Beverly Kim Wellard biza li ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-propjeta' taghha jew kontra l-persuna jew propjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti ahwa subein jew bniet jew xi persuni ohra.
2) U aktar talli fl-istess data, hin u lok gab ruhu b'mod li ta fastidju lil Beverly Kim Wellard;
3) U aktar talli sar recidiv b'sentenza moghtija lilu mill-Magistrat Dr. Charmaine Galea LL.D. fil-5 ta' Dicembru, 2013 u dan ai termini 49 u 50 tal-Kodici Kriminali tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' hitja tipprovdi ghas-sigurta' ta' Beverly Kim Wellard (Kap 9 sec. 383).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-23 ta' Gunju, 2013 fejn il-Qorti iddikjarat lill-imputat mhux hati tal-imputzzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tieghu u minnhom illiberatu.

Rat l-appell tal-Avukat Generali pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-14 ta' Lulju, 2014, fejn il-Qorti giet mitluba sabiex thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok, in vista tal-konsiderazzjonijiet imsemmija aktar 'il fuq, tghaddi biex tiddisponi minn dan il-kaz skont il-ligi u fl-ahjar interess tal-gustizzja.
Rat l-atti kollha tal-process.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant.

Rat l-aggravji tal-appellant Avukat Generali:

Illi fit-tnejn (2) ta' Lulju tas-sena elfejn u erbatax (2014), l-esponent ircieva minghand il-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, l-atti tal-procedura fl-ismijiet premessi u hassu aggravat bihom b'mod car u manifest in kwantu l-Ewwel Onorabbli Qorti ghamlet enuncazzjoni zbaljata tal-ligi li wasslet ghal-liberazzjoni tal-appellat mill-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u

dan ghaliex il-Prosekuzzjoni ma thallitx tipproduci prova indispensabli b'appogg ghall-akkuzi odjerni liema prova kienet addirittura ammissibbli skont il-ligi.

Illi ghaldaqstant l-esponent qieghed jinterponi dan l-umli appell ai termini tal-Artikolu 413(1)(b)(iv) tal-Kapitlu 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Illi waqt is-seduta tat-tlieta u ghoxrin (23) ta' Gunju tas-sena elfejn u erbatax (2014), l-Ewwel Onorabbli Qorti ghaddiet ghas-sentenza minghajr ma l-Ufficjal Prosekutur nghata id-dritt li jressaq ix-xhieda ta' David Thomas Groves, Donna Marie Groves u dik tal-vittma Beverly Kim Wellard liema xhieda kienu crucjali sabiex il-Prosekuzzjoni tkun tista' tipprova l-kaz taghha kontra l-appellat. Jirrizulta mill-atti processwali, senjatament a fol. 4, illi l-Prosekuzzjoni ppruvat tinnotifika lill-imsemmija xhieda u ghaldaqstant jidher li ghamlet dak kollu li hu mistenni minnha bil-ligi biex tressaq il-provi taghha in sostenn ghall-akkuzi odjerni u dan il-fatt gharfitu wkoll l-Ewwel Onorabbli Qorti fil-konsiderazzjonijiet taghha. Ghaldaqstant, il-Prosekuzzjoni jidher li kellha interess li tressaq lill-imsemmija xhieda u fl-ebda hin ma rrinunzjat ghad-dritt taghha li tressaqhom jew iddikjarat li ghalqet il-provi kollha taghha.

Illi l-gurisprudenza nostrana f'dan ir-rigward hija cara fl-interpretazzjoni tal-prova tar-riferta bhala indikazzjoni li l-Prosekuzzjoni ma rrinunzjatx ghall-provi taghha. Hekk gie ritenut minn din l-Onorabbli Qorti fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs. Monica Schranz***[1]*:*

> "L-esebizzjoni tar-riferta kienet indikazzjoni cara li l-prosekuzzjoni ma kinitx qeda tirrinunzja ghal dak ix-xhud ghax kieku ma kien ikollha l-ebda interess li tesebixxi r-riferta relattiva."

Illi huwa principju ben stabbilit fil-gurisprudenza kostanti tal-Qrati taghna illi meta xhud tal-Prosekuzzjoni, debitament notifikat, ma jidhirx, u l-Prosekuzzjoni tinsisti li dan jingieb u jinstema', il-Qorti ma tistax tghaddi ghas-sentenza minghajr ma dan jinstema':

[1] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali mill-Imhallef Onor. Vincent De Gaetano LL.D. fil-21 ta' Frar, 1997.

> "F'din is-sentenza l-Qorti osservat li jekk xhieda tal-prosekuzzjoni, ghalkemm ingunti, ma jidhrux u dana bla ebda raguni apparentement valida, l-Ewwel Onorabbli Qorti ghandha tiddiferixxi u taghti l-provvedimenti opportuni fil-konfront ta' dawn ix-xhieda u mhux tghaddi biex tiddecidi l-kawza."[2]

Illi l-istess inghad fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs. Clive Debono***, deciza minn din l-Onorabbli Qorti ppreseduta mill-Imħallef J. Galea Debono[3] illi l-fatt li ma jidhirx xhud jew xhieda ma tiġġustifikax lill-Qorti tippriva lill-prosekuzzjoni minn prova indispensabbli, u taqbad u tgħaddi għas-sentenza.

Illi b'kull dovut rispett lejn il-konsiderazzjonijiet tal-Ewwel Onorabbli Qorti, din il-Qorti kellha tikkoncedi differiment sabiex tippermetti lill-Prosekuzzjoni tressaq il-provi mehtiega specjalment fid-dawl tal-fatt li hawn *si tratta* tal-ewwel seduta tal-kaz odjern u ghalhekk differiment wiehed ma kienx sejjer jirreka pregudizzju lill-appellat. *In oltre*, stante illi din kienet l-ewwel seduta appuntata, li kieku l-Ewwel Onorabbli Qorti kkoncediet id-differiment tas-seduta dan ma kienx sejjer ifixkel is-sommarjeta' tas-seduta allavolja l-esponent jifhem li ai fini ta' spedjatezza, kien ikun ferm aħjar li l-kawza tigi deciza f'darba.

Illi huwa rikonoxxut li kawza sommarja m'ghandhiex tibqa' tkaxkar fit-tul inutilment izda ta' min jinnota li min imkien ma tohrog mid-dicitura tal-ligi, senjatament mill-interpretazzjoni tad-dispozizzjoniji tal-Artikolu 377(1) tal-Kapitlu 9 tal-ligijiet ta' Malta illi l-Qorti ghandha obbligu tghaddi ghad-decizjoni taghha fl-ewwel seduta minghajr ma tiehu in konsiderazzjoni tal-fatt li ghad hemm xi provi ammissibbli bil-ligi x'jitressqu. L-esponent umilment ihoss li d-dicitura tal-Artikolu 377(1) tal-Kapitlu 9 tal-ligijiet ta' Malta hija cara in kwantu l-Qorti ghandha d-diskrezzjoni, <u>jekk ikun il-kaz</u>, li tghaddi biex tati s-sentenza, <u>meta jinghalaq is-smigh</u>

---

[2] Il-Pulizija vs. Paul Gatt, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali mill-Imhallef Onor. Prof. Wallace Ph. Gulia B.A., LL.D, B.Sc., Ph. C., M.A.(Admin)(Manch) D.P.A.(Lond.) fit-3 ta' April, 1989; Il-Pulizija vs. Victor Borg deciza mill-Imhallef Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D fl-1 ta' Marzu, 1984.
[3] Deciza fl-14 ta' Settembru, 2004

tal-kawza[4]: fil-kaz odjern, stante li l-Prosekuzzjoni kien ghad kellha provi indispensabbli u ammissibbli bil-ligi xi tressaq, certement li ma jistax jinghad li s-smigh tal-kawza kien maghluq. L-ispirtu tal-ligi kif ravvizat fl-Artikolu 377(1) tal-Kapitlu 9 tal-ligijiet ta' Malta kien ben spjegat mill-Imhallef Harding fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs. Frank Borg*** deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali fis-sitta (6) ta' Marzu tas-sena elf disa' mija erbgha u hamsin (1954)[5] fejn inghad li:

> "L-iskop ta' dak l-artikolu hu semplicement biex ikun impost fuq il-gudikant l-obbligu tad-decizjoni sollecita tal-kawza, u ghaliex ma hemm xejn li jimpedixxi li ghal raguni gusta, anki mill-Qorti 'marter proprio', jerggha jinfetah is-smiegh, sija pure biex tbiddel l-imputazzjoni..".

Illi fid-dawl tas-suespost, certement jidher li dan ma kienx semplicement kaz ta' fejn il-Prosekuzzjoni b'mod kapriccjuz jew b'nuqqas ta' rispett lejn l-istituzzjoni tal-Gustizzja, naqqset mid-doveri taghha bil-ligi li tressaq il-provi b'appogg ghall-akkuzi migjuba minnha. Ghalda qstant, fl-umli fehma tal-esponent, l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet harxa fid-decizjoni taghha illi tghaddi biex tapplika l-provvedimenti tal-Artikolu 374(d) tal-Kapitlu 9 tal-ligijiet ta' Malta fl-ewwel seduta stess minghajr ma tikkunsidra t-talba tal-Prosekuzzjoni ghad-differiment. '

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi fit-tmienja (8) ta' April tal-elfejn u erbatax (2014) l-appellat u l-partner tieghu Beverly Kim Wellard kienu qeghdin gewwa Hana's Bar, San Pawl il-Bahar meta l-appellat kien qed ikun agressiv mal-partner tieghu u b'certa insistenza u rabja jghidilha tidhol fil-karozza mieghu. Beverly Kim Wellard ma riditx tmur mal-appellat peress illi kien hemm okkazjonijiet ohra fejn l-appellat kien uza l-forza kontriha u anke ikkawzalha xi griehi. Minkejja l-intervent ta' Denise Lawria l-appellat xorta baqa' jippersisti bl-agir tieghu sakemm fl-ahhar David Thomas Groves li kien

---

[4] **Artikolu 377.** (1) Meta jingħalaq is-smigħ tal-kawża, il-qorti, dak innhar stess, jekk jista' jkun, tagħti s-sentenza, billi tillibera jew tikkundanna l-imputat.

[5] Ghandu jigi osservat li fiz-zmien ta' meta nqatghet din is-sentenza, l-Artikolu 377(1) tal-Kap. 9 tal-ligijiet ta' Malta, kien enumerat Artikolu 389, tal-Kap. 9 tal-ligijiet ta' Malta.

ukoll fuq il-post tal-incident mar jaghmel rapport l-ghassa tal-pulizija u meta dawn marru fil-Hana's Bar sabu lill-vittma tibki u fi stat ta' xokk u ghalhekk iddecidew illi jipprocedu b'dawn l-istanzi kontra l-appellat.

Permezz ta' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Gunju tal-elfejn u erbatax (2014) l-appellat gie mehlus mill-akkuzi migjuba kontra tieghu peress illi l-ewwel Qorti deherilha illi ma kienx hemm provi wara illi l-xhieda tal-Prosekuzzjoni ipprezentat riferta negattiva fil-konfront ta' Beverly Kim Wellard.

L-Avukat Generali hassu aggravat minn din is-sentenza u minnha interpona appell peress illi l-ewwel Qorti ghamlet enuncazzjoni zbaljata tal-ligi li wasslet ghal-liberazzjoni tal-appellat mill-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dan il ghaliex il-Prosekuzzjoni ma thallietx tipproduci prova indispensabbli b'appogg tal-akkuzi odjerna, liema prova kienet addirittura ammissibbli skont il-ligi.

Ikkunsidrat:

L-ewwel seduta ta' din il-kawza kienet fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Gunju tal-elfejn u erbatax (2014) u skont il-verbal (fol 4) il-Prosekuzzjoni esebiet riferta pozittiva ta' David Thomas Groves u Danna Marie Groves u riferta negattiva fil-konfront ta' Beverly Kim Wellard. It-tnejn ta' qabel debitament imsejjha ma deherux u ghalhekk il-Prosekuzzjoni talbet differiment halli tkun tista' tingungihom ghal darba ohra. L-ewwel Qorti però ma ikkoncedietx dan id-differiment u minflok ghaddiet mal-ewwel biex taghti s-sentenza u l-liberatorja taghha. Din il-Qorti jidhrilha illi l-ewwel Qorti ghagglet wisq u l-Prosekuzzjoni ma kellhiex tigi pregudikata jew penalizzata il ghaliex xhieda debitament imharrka ma dehrux, u fil-kaz ta' Wellard, minkejja li l-Prosekuzzjoni ippruvat tinnotifikaha, dan ma kienx il-kaz ghall-gurnata tas-smigh tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Minbarra l-kawza "Pulizija versus Monica Shranz" imsemmija fir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali din il-Qorti taghmel riferenza ghal kawza "Il-Pulizija versus Joseph Abdilla u Helen Abdilla" (Vol. LXXVII. p.V p. 446) fejn wara li ghamlet riferenza ghal

sentenzi precedenti qalet, "Din il-Qorti m'ghandhiex x'izzid ma' dak li digà gie deciz f'dawn is-sentenzi li ghadhom kemm gew iccitati, dwar il-vertenza inkwistjoni u sempliciment tghid illi l-ewwel Qorti ma kellhiex tghaddi ghas-sentenza u tipprova lill-Prosekuzzjoni mill-possibiltà li ggib ix-xhieda una volta l-istess Prosekuzzjoni ma kellha ebda tort fil-fatt li l-istess xhieda debitament imharrka, ma dehrux. Kieku kien il-kaz li l-Prosekuzzjoni naqset milli tingungihom, allura l-ewwel Qorti kien ikollha ragun, imma la dan mhuwiex il-kaz u l-Prosekuzzjoni ma kellha assolutament l-ebda tort ma kienx il-kaz illi jsir dak illi effettivament sar." L-istess intqal fil-kawza "Il-Pulizija kontra Louis Farrugia" deciza fid-19 ta' Mejju 1995, "Meta xhud indispensabbli ghall-kaz tal-Prosekuzzjoni jew tal-kwerelant ma jidhirx quddiem il-Qorti tal-Magistrati, il-Qorti ghandha tiddiferixxi l-kawza ghal data ohra u tipprocedi kontra x-xhud kif provdut fl-artikolu 441(4) tal-Kodici Kriminali u mhux taqbad u tghaddi ghas-sentenza." Fl-ahhar din il-Qorti taghmel riferenza ghal sentenza in parti moghtija minn din il-Qorti kif preseduta fil-kawza "Il-Pulizija versus Giulio Farrugia" fis-26 ta' Frar 2015.

Ghalhekk il-Qorti jidhrilha illi l-Avukat Generali ghandu ragun u l-ewwel Qorti ma messiex ghaddiet ghas-sentenza meta l-Prosekuzzjoni ma iddikjaratax l-gheluq tal-provi taghha anzi di più talbet differiment meta x-xhieda debitament ingunti ma telghux.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' l-appell, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u terga' tirrimetti l-atti lill-Qorti tal-Magistrati sabiex il-kawza tkompli tinstema' u tigi deciza skont il-ligi.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------